

22004D0010

L 116/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.4.2004

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 10/2004****tas-6 ta' Frar 2004****li temenda l-Anness XI (Servizzi ta' telekomunikazzjoni) u l-Protokoll 37 mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħalil-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 98 u 101 tiegħu,"

Billi:

- (1) L-Anness XI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 153/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 ⁽¹⁾
- (2) Il-Protokoll 37 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 32/2003 ta' l-14 ta' Marzu 2003 ⁽²⁾
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/627/KE tad-29 ta' Lulju 2002 tistabbilixxi l-Grupp Ewropew ta' Regolaturi għal Networks u Servizzi ta' Kommunikazzjonijiet Elettroniċi ⁽³⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Biex il-Ftehim jiffunzjona tajjeb, il-Protokoll 37 mal-Ftehim għandu jkun estiż biex jinkludi l-Grupp Ewropew ta' Regolaturi għal Networks u Servizzi ta' Kommunikazzjonijiet Elettroniċi stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2002/627/KE, u l-Anness XI għandu jkun emendat biex jispeċifika l-proċeduri għal assoċjazzjoni mal-Grupp,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara l-punt 5ch (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/EC) ta' l-Anness XI mal-Ftehim:

"5ci. **32002 D 0627**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/627/KE tad-29 ta' Lulju 2002 tistabbilixxi l-Grupp Ewropew ta' Regolaturi għal Networks u Servizzi ta' Kommunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 200, tat-30.7.2002, p. 38).

Proċeduri għall-assoċjazzjoni tal-Liechtenstein, l-Islanda u n-Norveġja skond l-Artikolu 101 tal-Ftehim:

Kull Stat ta' l-EFTA jista', skond l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/627/KE, jaħtar persuni biex jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp Ewropew ta' Regolaturi għal Networks u Servizzi ta' Kommunikazzjonijiet Elettroniċi.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha, fiż-żmien dovut, tgħarraf lill-parteeipanti bid-dati tal-laqgħat tal-Grupp u tittrasmettilhom id-dokumentazzjoni relevanti."

2. Il-punt li ġej għandu jkun inserit fil-Protokoll 37 (li fih il-lista li jipprovdi għaliha l-Artikolu 101) mal-Ftehim:

"17. Il-Grupp Ewropew ta' Regolaturi għal Networks u Servizzi ta' Kommunikazzjonijiet Elettroniċi (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/627/KE)."

⁽¹⁾ ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 45.

⁽²⁾ ĠU L 137, tal-5.6.2003, p. 32.

⁽³⁾ ĠU L 200, tat-30.7.2002, p. 38.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2002/627/KE fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Frar 2004, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ntgħamli (ntbgħatu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2004.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.